**DIPARTIMENT TAD-DWANA**
**XATT LASCARIS**
**VALLETTA VLT 1920. MALTA**

**CUSTOMS DEPARTMENT**
**LASCARIS WHARF**
**VALLETTA VLT 1920. MALTA**

**DIRECTOR EXCISE**
**TEL: (356) 25685 153**

**Our Ref:**
**Your Ref:**

9 ta' Frar 2015

**AVVIŻ LIR-*RETAILERS,* SIDIEN TA' LUKANDI U RISTORANTI**

Bħala miżura ta' kontroll fuq ħlas tat-taxxa tas-sisa fuq l-inbid, il-fliexken/kontenituri tal-inbid b'volum ta' **0.375 ta' litru** jew aktar, irid jitwaħħal fuqhom strixxa/bolla apposta. Fis-suq għad hawn diversi nbejjed li kienu offruti għall-bejgħ minn qabel l-1 ta' Jannar 2015 u li m'humiex immarkati bl-istrixxa tas-sisa; dawn issa wkoll iridu jiġu mmarkati.

Għaldaqstant, id-Dipartiment tad-Dwana javża li:

i. Mit-18 ta' Frar 2015 sal-14 ta' Mejju 2015, id-Dipartiment tad-Dwana se jkun qiegħed għaddej b'kampanja, maħsuba biex tolqot il-prodott kollu li jinsab għand is-sidien tal-lukandi, ristoranti, bars, wine bars, supermarkets, grocers, confectioneries, *fish shops,* każini u ħwienet oħra li jbiegħu l-inbid, ħalli dan ikun immarkat ukoll bl-istrixxa tas-sisa.

ii. Is-sidien huma mitluba biex jieħdu *stock* tal-ammont ta' fliexken tal-inbid ta' 'l fuq minn 0.375 litru li mhux immarkat, u jipprovdu lista tiegħu lid-Dwana ħalli d-Dwana tissupplixxihom bl-ammont ta' strixxi meħtieġa. Dan l-i*stock* **m'għandux jinkludi** l-inbejjed DOK u IGT tal-produtturi Maltin. Madankollu, *table wine* prodott lokalment għandu jitniżżel fl-i*stock.*

iii. Is-sidien imbagħad għandhom ħamest ijiem żmien biex iwaħħlu l-bolol fuq il-kontenituri rispettivi.

iv. Biex niffaċilitaw il-proċess tat-tqassim, kif ukoll biex nagħtu l-aħjar servizz lit-*traders*, l-aħjar mod li naħdmu bih huwa li minflok nitolbu lit-*traders* jiġbru l-istrixxi meħtieġa mill-uffiċċini tagħna fil-Belt, filwaqt li din il-ħaġa se tibqa' possibli mit-Tnejn sas-Sibt, se nsegwu skeda li permezz tagħha inkunu aħna li mmorru fil-lokalitajiet nagħtu s-servizz tagħna.

v. Fil-fatt, iggruppjajna il-lokalitajiet skond il-kobor tagħhom u l-ammont ta' *traders* li hemm fihom biex ħloqna 22 grupp. Minn kull grupp identifikajna lokalita' waħda, skont kriterji ta' faċilitajiet ta' parking, biex mill-uffiċċini tal-Kunsilli Lokali, nies mid-Dwana ikunu jistgħu jagħtu dan is-servizz lit-*traders* li huma stabbiliti f'dawk il-lokalitajiet.

vi. L-iskeda ta' tqassim hija din, u f'dawn il-ħinijiet li ġejjin; mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8am sa nofsinhar u mis-1.30pm sal-4pm, filwaqt li s-Sibtijiet mit-8am sa nofsinhar:

- **Birkirkara u Santa Venera**
  (L-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa, 18, 19 u 20 ta' Frar 2015 mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara)
- **Għawdex u Kemmuna**
  (It-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa, 23, 24 u 25 ta' Frar 2015 mill-uffiċċju tad-Dwana fil-Gozo Marina)
- **Birżebbuġa u Marsaxlokk**
  (Il-Ħamis u l-Ġimgħa, 26 u 27 ta' Frar 2015 mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk)
- **Dingli, Mdina, Mġarr, Mtarfa, u Rabat**
  (It-Tnejn, it-Tlieta, l-Erbgħa u l-Ħamis, 2, 3, 4 u 5 ta' Marzu 2015 mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli)
- **Mellieħa, Għadira, Manikata u Għajn Tuffieħa**
  (Il-Ġimgħa u s-Sibt, 6 u 7 ta' Marzu 2015 mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa)

- **Floriana u Valletta**
  (It-Tnejn, it-Tlieta, l-Erbgħa u l-Ħamis, 9, 10, 11 u 12 ta' Marzu 2015 mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Floriana)
- **Tarxien u ż-Żejtun**
  (Il-Ġimgħa u s-Sibt, 13 u 14 ta' Marzu 2015 mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun)
- **Mosta**
  (It-Tnejn u t-Tlieta, 16 u 17 ta' Marzu 2015 mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Mosta)
- **Gżira, Msida u Ta' Xbiex**
  (L-Erbgħa, il-Ġimgħa u s-Sibt, 18, 20 u 21 ta' Marzu 2015 mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex)
- **Pembroke, San Ġiljan, San Ġwann u Swieqi**
  (It-Tnejn, it-Tlieta, l-Erbgħa u l-Ħamis, 23, 24, 25 u 26 ta' Marzu 2015 mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' Pembroke)
- **San Pawl il-Baħar, Buġibba, Qawra, Burmarrad, Xemxija, Salina u Wardija**
  (It-Tnejn, it-Tlieta, l-Erbgħa u l-Ħamis, 6, 7, 8 u 9 ta' April 2015 mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar)
- **Attard, Balzan, Iklin u Lija**
  (It-Tnejn u t-Tlieta, 13 u 14 ta' April 2015 mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Iklin)
- **Marsaskala, Xagħjra u Żabbar**
  (L-Erbgħa u l-Ħamis, 15 u 16 ta' April 2015 mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' Marsaskala)
- **Għaxaq, Gudja u Luqa**
  (Il-Ġimgħa u s-Sibt, 17 u 18 ta' April 2015 mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Gudja)
- **Għargħur u Naxxar**
  (It-Tnejn u t-Tlieta, 20 u 21 ta' April 2015 mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' Ħal-Għargħur)
- **Bormla, Fgura, Kalkara, Isla u Birgu,**
  (L-Erbgħa u l-Ħamis, 22 u 23 ta' April 2015 mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Kalkara)
- **Ħamrun, Marsa u Pieta'**
  (Il-Ġimgħa u s-Sibt, 24 u 25 ta' April 2015 mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Pieta')
- **Kirkop, Mqabba, Qrendi, Safi u Żurrieq**
  (It-Tnejn u t-Tlieta, 27 u 28 ta' April 2015 mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq)
- **Raħal Ġdid u Santa Luċija**
  (L-Erbgħa u l-Ħamis, 29 u 30 ta' April 2015 mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija)
- **Qormi**
  (It-Tnejn u t-Tlieta, 4 u 5 ta' Mejju 2015 mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' Ħal-Qormi)
- **Siġġiewi u Ħaż-Żebbuġ**
  (L-Erbgħa u l-Ħamis, 6 u 7 ta' Mejju 2015 mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi)
- **Sliema**
  (It-Tnejn, it-Tlieta, l-Erbgħa u l-Ħamis, 11, 12, 13 u 14 ta' Mejju 2015 uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' Pembroke)

vii. Mill-25 ta' Mejju 2015 se titnieda kampanja ta' infurzar u kull prodott li jinstab fis-suq mhux immarkat fiskalment jiġi miġbur u jistgħu jittieħdu passi legali kontra kull min ikun qed jikser il-liġi.

viii. Id-Dipartiment tad-Dwana javża illi b'effett immedjat l-uffiċċju tiegħu fis-Sezzjoni tas-Sisa (Tel 25685200) qiegħed jestendi is-servizzi li joffri lill-i*stakeholders* anki nhar ta' Sibt bejn it-8am u nofsinhar. F'dawn il-ħinijiet, fost servizzi oħra, l-i*stakeholders* jistgħu ukoll jakkwistaw l-istrixxi/bolol tas-sisa.

Joseph Chetcuti
Direttur għas-Sisa
Għan-nom tad-Direttur Ġenerali (Dwana)